

**Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 – Pożizzjoni tal-Kunsill**

(2011/C 359/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 ġie definittivament adottat fil-15 ta' Diċembru 2010 <sup>(3)</sup>,
- (2) Fit-18 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2011,
- (3) Minħabba li l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 għall-2011 jeħtieġ li jiġi implimentat fis-sena finanzjarja 2011

għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja sana, huwa ġġustifikat li jitnaqqsu l-perijodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 għall-informazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali, kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem għat-tqegħid tal-punt fl-aġenda proviżorja tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 kienet adottata fit-30 ta' Novembru 2011.

It-test sħiħ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel minn fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, b'Corrigenda fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43 u ĠU L 99, 14.4.2007, p. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU L 311, 26.11.2011, p. 9.

<sup>(3)</sup> ĠU L 68, 15.3.2011.